# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: SIEGĦA**

**Isem u kunjom:** ______________________________ **TOTAL:** ____ / **100** **marka**

**Klassi:** ______________



## A. Fid-dar ta' Alla nsibu dawn il-postijiet:

| ambone | kampnar | altar | ***sagristija** | konfessinarju | sedja | tabernaklu |
|---|---|---|---|---|---|---|

**Qabbel il-post mas-sentenza. Ara l-eżempju.** **(6 x marka = 6 marki)**

| **Eżempju: fejn il-qassis jilbes l-ilbies tal-quddiesa** | | **sagristija** |
|---|---|---|
| 1. | niċċelebraw l-Ewkaristija fuqu | |
| 2. | fih inżommu lil Ġesù sagramentat | |
| 3. | minn fejn naqraw il-Kelma tal-Mulej | |
| 4. | minn fejn jindaqqu l-qniepen | |
| 5. | fejn isir il-qrar | |
| 6. | fejn joqgħod bilqiegħda l-qassis waqt il-quddiesa | |

## Fid-dar t'Alla nsibu dawn l-affarijiet:

| qniepen | fonti | missal | Via Sagra | kalċi | blandun |
|---|---|---|---|---|---|

**Ikteb il-kelma li taqbel mas-sentenza.**

**(6 x marka = 6 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| 7. | il-ktieb li juża l-qassis waqt il-quddiesa | |
| 8. | xemgħa li tfakkarna li Ġesù qam mill-mewt | |
| 9. | ifakkarna fil-jum li fih dħalna fil-familja ta' Alla | |
| 10. | isejħulna biex immorru l-knisja | |
| 11. | erbatax-il kwadru li jfakkruna fil-Passjoni ta' Ġesù | |
| 12. | fih ikun hemm l-inbid waqt il-quddiesa | |

**Mill-kliem kollha li ktibt liema hija l-aktar ħaġa importanti li naraw fil-knisja?**

________________ **(2 marki)**

**B. Aqra dawn is-sentenzi.**
**Sib il-kelma t-tajba u aqta' sing taħtha.** **(6 x marka = 6 marki)**

Fil- (festa, parroċċa, kappella) aħna niftakru fil-ferħ kbir li se jkun hemm fil-Ġenna għalina.

(Fil-Purgatorju, Fid-dinja, Fil-Ġenna) nifirħu għax inkunu ma' Alla għal dejjem.



Fit- (tama, talb, tagħlim) aħna nkunu nitkellmu ma' Alla.

Nhar ta' (Sibt, Ħadd, Ħamis) infakkru l-Qawmien ta' Ġesù mill-mewt.

Fil-qrar nitolbu (biża', ferħ, maħfra) lil Alla u nuruh li ddispjaċiena li offendejnieh.

Il-Knisja hi l- (elmu, familja, artal) ta' Alla fid-dinja.

**Ċ. F'Malta niċċelebraw bil-kbir il-festa tal-patrun jew patruna tal-belt jew raħal tagħna.**
**Liema minn dawn id-drawwiet hija <u>tajba</u> (✓) u liema <u>ħażina</u> (✗)?**
**(12 x ½ marka = 6 marki)**



| | | |
|---|---|---|
| | **Eżempju: Immorru nisimgħu l-quddies.** | ✓ |
| 1. | Indoqqu l-qniepen. | |
| 2. | Nistiednu lil tal-familja. | |
| 3. | Naraw il-logħob tan-nar. | |
| 4. | Inżejnu l-gallerija. | |
| 5. | Inqerru u nitqarbnu. | |
| 6. | Niġġieldu ma' tal-każin l-ieħor. | |
| 7. | Inżejnu t-toroq. | |
| 8. | Nixorbu xorb alkoħoliku. | |
| 9. | Niskru biex naqbżu ħafna fil-marċ. | |
| 10. | Infittxu logħob tan-nar li ma ħax u nilagħbu bih. | |
| 11. | Nieħdu sehem fil-purċissjoni. | |
| 12. | Nieklu żżejjed. | |

**D. Agħmel sinjal (✓) fil-kaxxa ħdejn iż-żewġ sentenzi tajbin dwar kull waħda minn dawn li ġejjin:** **(10 x marka = 10 marki)**

| **Eżempju:** | |
|---|---|
| San Pietru | |
| **Kien l-ewwel isqof.** | |
| **Kien l-ewwel Papa.** | ✓ |
| **Kien sajjied.** | ✓ |
| **Kien sinjur.** | |

| **Pentekoste** | |
|---|---|
| L-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli. | |
| Isem ieħor għal din il-festa hu Lapsi. | |
| L-appostli mtlew b'kuraġġ kbir. | |
| Dan ġara tletin jum wara li Ġesù qam mill-mewt. | |

| **It-Tieġ ta' Kana** | |
|---|---|
| Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma." | |
| Ġesù bidel l-ilma f'inbid. | |
| Ġesù tema lil min kien bil-ġuħ. | |
| Dan kien it-tieni miraklu li wettaq Ġesù. | |

| **Ir-Raba' Kmandament** | |
|---|---|
| Nobdu biss lill-ġenituri. | |
| Agħti ġieħ lil missierek u 'l ommok. | |
| Tigdibx. | |
| Għandna nirrispettaw lil dawk li jieħdu ħsiebna. | |

| **San Pawl** | |
|---|---|
| San Pawl kien l-appostlu li l-aktar li wassal il-kelma t'Alla. | |
| Il-ġrajja ta' meta San Pawl ġie Malta nsibuha fil-Kmandamenti. | |
| Dawk li kienu fuq il-ġifen ma' Pawlu kollha salvaw. | |
| Il-ġifen li fuqu kien San Pawl ħabat ma' Sqallija. | |

| **Il-Papa** | |
|---|---|
| Il-Papa jgħix il-Ġermanja. | |
| Il-mexxej tal-Knisja huwa l-Papa. | |
| Il-Papa llum huwa Benedittu Sittax. | |
| L-ewwel Papa kien San Mark. | |

**E. Żid kelma mill-vojt. Agħżel mill-kliem li hemm fil-kaxex.**

**(6 x marka = 6 marki)**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| tama | imħabba | fidi | maħfra | dawl | ferħ |

Mulej, agħmilni strument tal-paċi tiegħek.

Fejn hemm il-mibgħeda, ħallini nħeġġeġ l-____________________;

Fejn hemm il-ħtija, ħallini nferrex il-____________________;

Fejn hemm id-dubju, ħallini ndaħħal il-____________________;

Fejn hemm il-qtigħ ta' qalb, ħallini nqawwi t-____________________;

Fejn hemm id-dlam, ħallini nkebbes id- ____________________;

Fejn hemm in-niket, ħallini nxerred il-____________________;

**F. Kompli dan it-talb kif jidhirlek l-aħjar. Żid aktar minn kelma waħda f'kull sentenza.**

**(6 x 2 marki = 12-il marka)**

**Eżempju: Faħħar lil Alla tal-ħolqien.**

***Infaħħrek, Mulej, u nara kemm int sabiħ meta nara <u>s-sbuħija tal-ħolqien li int ħlaqt għalina biex ingawdu</u>.***

1. Irringrazzja lil Alla ta' kemm għamel miegħek.

   *Nirringrazzjak, Mulej, Missier tas-sema u l-art, talli tajtni* ____________________

   ________________________________________________________________________.

2. Itlob lil Alla jaħfirlek.

   *Missier qaddis, jiddispjaċini li nqastek meta* ________________________________

   ________________________________________________________________________.

3. Itlob lil Alla għall-paċi fost il-bnedmin.

   *Mulej Alla, sultan tal-Paċi, seddaq l-għaqda fost* ____________________________

   ________________________________________________________________________.

4. Itlob lil Alla għall-morda.

   *Mulej Alla, Ibnek Ġesù fejjaq il-morda ta' żmienu, agħti l-fejqan lil* __________

   ________________________________________________________________________.

5. Itlob lil Alla għall-erwieħ tal-mejtin tiegħek.
   *Mulej, int sejjaħtilna biex ingawduk fil-ġenna għal dejjem, ikollok ħniena minn*

   ______________________________________________________________________.

6. Itlob lil Alla jurik xi jrid minnek.
   *Mulej Alla, int għandek pjan sabiħ għal kull bniedem, urini* ________________

   ______________________________________________________________________.

## Ġ. Fil-familja ta' Alla aħna nilqgħu lill-bnedmin kollha. Kif għandna nilqgħu lil dawn li ġejjin?

**(6 x 2 marki = 12-il marka)**

**Eżempju: Lit-tfal kollha** ***billi nilagħbu ma' kulħadd***

1. Lir-refuġjati billi ______________________________________________.
2. Lil nies bi bżonnijiet speċjali billi ________________________________.
3. Lill-foqra fil-missjoni billi ______________________________________.
4. Lill-anzjani billi ______________________________________________.
5. Lill-ħaddiema li jagħtuna servizz billi ____________________________.
6. Lill-morda billi _______________________________________________.

## G. X'għandek tagħmel bħala nisrani fid-dar jew fl-iskola meta:

**(6 x 2 marki = 12-il marka)**

**Eżempju: l-għalliema tkun tispjega l-lezzjoni.** ***Noqgħod attent biex nifhem sewwa.***

1. titlef waqt il-logħob ____________________________________________.
2. tirbaħ waqt il-logħob ___________________________________________.
3. meta tad-dar ikollhom bżonn l-għajnuna ______________________________.
4. meta tilgħab ma' ħutek iż-żgħar ____________________________________.
5. meta xi ħadd fil-familja jkun marid __________________________________.
6. meta xi ħadd fil-klassi jkun marid __________________________________.

## GĦ. Ħares lejn ir-ritratti ta' l-isqfijiet ta' Malta u ta' Għawdex.

**(6 x 2 marki = 12-il marka)**





1. X'jisimhom?

   Monsinjur ______________________ ____________________________

   Monsinjur ______________________ ____________________________

2. Huma llum qegħdin ikomplu x-xogħol ta' l- ______________________________.

3. L-ewwel Isqof ta' Malta kien ___________________________________________.

4. Lil dan għażlu _________________________________.

5. L-imġiba tagħna lejn l-Isqof għandha tkun

   _______________________________________________________________________.

**H. Ħares lejn l-istampi.**
**Ikteb ħames sentenzi fuq din il-ġrajja dwar Żakkew.**

**(10 marki)**





1. ______________________________________________

______________________________________________

2. ______________________________________________

______________________________________________

3. ______________________________________________

______________________________________________

4. ______________________________________________

______________________________________________

5. ______________________________________________

______________________________________________